**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN**

**17 ta' JANNAR, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ma attenditx minħabba luttu fil-familja.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresieda l-laqgħa.

**32.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

32.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u tletin is-seduta ta' din il-leġislatura.

***32.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

32.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerew li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jibghat bukkett fjuri fil-Knisja parrokjali tat-Trinita' Marsa ghal waqt il-funeral ta' omm il-Viċi Chairperson Maria Schembri. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Il-funeral ser isir nhar is-Sibt 21 ta' Jannar, 2017 fit-8:30.

32.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li l-attivita' tat-tfal li saret f'Diċembru, kienet suċċess u attendew 26 tfal.

32.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nnota l-emails li ntbagħtu anke mill-membru Joseph D'Amato lill-Transport Malta, fuq il-proġett tal-playingfield fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Il-membru Joseph D'Amato qal li qed jipprova li l-boundary wall ta' madwar il-playingfield issir minn Transport Malta.

Kien hemm qbil li l-linji ta' parkeġġ isiru mill-Kumitat Amministrattiv u fost dawn il-parkeġġi jkunu inklużi ukoll parkeġġ għall-persuni b'diżabilita, motor cycle u oħra għal dawk li jkunu jridu jiċċarġjaw il-vettura bl-elettriku.

Kien hemm qbil ukoll li:

- jinxtraw 4 siġar kbar għall-akwata, wara li jinġieb parir mill-contract's manager tal-Kunsill.
- tiġi ordnata bozza għall-inħawi.
- Jitwaħħlu l-bankijiet u l-bollards.

Biex b'hekk il-proġett ikun komplut.

32.2.3 Il-membru Kevin Sam Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-bozoz ġodda li twaħħlu sa mis-sena 2015 fi Triq Hal Far għadhom ma jixgħelux. Kien hemm qbil li terġa tintbgħat reminder lill-Enemalta.

32.2.4 Il-membru Marilyn Sammut infurmat li hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix fejn iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.

32.2.5 Kien hemm qbil li tiġi ordnata l-barrier għal Triq ir-Rettur.

32.2.6 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa dan:

- Biex jinkines iż-żrar li tħalla fi Triq ir-rettur viċin il-klinika tat-tabib.
- Stedina għal riċeviment fl-Aida Hall lill-membri tal-orkestra
- Stedina għall-kunċert ieħor fil-katidral tal-Imdina fit-18 ta' Frar.

***32.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

32.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:30 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 21ta' Frar, 2017 fil-17:30.

Konfermati, illum _21__ ta' Frar, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |